MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Numru 60001/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Graziella Muscat)**

**Vs**

**Christopher Buttigieg ta' 25 sena iben Raymond u Helen nee` Vella, mwieled Pieta fis-26 ta' Dicembru 1982 u residenti Raylen, Triq Villabatel, Haz-Zabbar detentur tal-karta ta' l-identita` numru 3783(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Christopher Buttigieg u cioe` talli nhar is-17 t'Ottubru 2008 u fil-granet u xhur ta' qabel naqas milli jhares xi kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet taghha li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija, cioe billi naqas milli jiffirma gewwa l-

Ghassa ta’ Haz-Zabbar u anke talli ghamel kuntatt ma xhud tal-Prosekuzzjoni.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat gie mresaq il-Qorti akkuzat illi huwa kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu fid-digriet dwar il-helsien mill-arrest tat-3 ta’ Lulju, 2008. Dan sehh peress illi huwa naqas illi jirraporta l-Ghassa ta’ Haz-Zabbar fil-gurnata tal-Gimgha 17 ta’ Ottubru, 2008 kif ukoll peress illi huwa kellem lil xhud ewlenija fil-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu certu Isabelle Grixti.

Illi mill-provi irrizulta dwar il-ksur tal-kundizzjoni numru 5, illi l-impuatat irraporta l-Ghassa tal-Pulizija darba biss u dana bi zvista ghaliex qal li nesa. Ghalkemm dan huwa ksur minimu madanakollu l-imputat irid jifhem illi l-kundizzjonijiet imposti fuqu ghandhom jigu osservati skrupolozament.

Illi fil-fehma tal-Qorti jikkostitwixxi ksur l-fatt illi l-imputat kellem lil Isabelle Grixti madanakollu serju tal-kundizzjoni numru 2 aktar u aktar meta dina hija l-persuna li irrapurtatu lill-pulizija u li dina l-persuna ghad trid tixhed il-Qorti. Ghalkemm l-imputat iddikjara li kienet dina Isabelle Grixti li avvicinatu u kellmitu huwa mandanakollu kien fid-dmir illi ma jkellimhiex u jallontana ruhu minnha.

Illi dawn il-proceduri gew intavolati taht dak dispost fl-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ghalhekk mhijiex ser tghaddi sabiex tilqa’ it-talba tal-Prosekuzzjoni ghal konfiska tal-ammont ta’ ghaxart elef euro (€10,000) peress li din hija procedura ohra li tigi

imposta taht dak dispost fl-artikolu 579(1) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dwar il-piena l-Qorti madanakollu sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ma irrejalizzax il-gravita ta’ dak illi ghamel u jidher illi iddispjacieh ghall-akkadut u ma irrizultax illi b’xi mod kien hemm xi intralc fil-provi jew fil-procedura gudizzjarja u ghalhekk il-Qorti ma hijiex ser tghaddi sabiex tirrevoka il-kundizjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuq l-imputat izda twissi lill-imputat illi dawn il-kundizzjonijiet ghandhom jigu osservati skrupolozament.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-multa ta’ hames mitt euro (€500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------